MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 357/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Carmel Mifsud (I.D. Nru 246575M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors permezz ta’ liema is-socjeta’ attrici talbet li l-konvenut jigi kundannat jhallas is-somma ta’ hamest elef, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€5,228.65) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Account’ tal-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ‘A1 sa A3’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-7 ta’ Settembru 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-Carmel Mifsud permezz ta’ Skrittura Privata datata fit-13 ta’ Mejju 2006 (Dok B).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u

cioe Dok B partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Carmel Mifsud (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulata fl-imsemmija skrittura privata, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datat fil-25 ta' Frar 2009 (Dok C) u tal-mandat ta' Sekwestru li gie pprezentata kontestwalment kontra Carmel Mifsud li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenut jammetti t-talba attrici kif dedotta mill-istess rikors u kif jirrisulta mill-verbal tas-seduta tallum stess.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €5,228.65 bl-imghax ulterjuri mis-7 ta' Settembru, 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 2009 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-25 ta' Settembru 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------